# SJAF Magazine

**SJA FOUNDATION**
Reception Centre
51, Tarxien Road
Tarxien TXN1090
Reception Desk Tel. 2767 2367/21808981
Email: miriam.sjaf@gmail.com

**VO/0005/14th Mav 2008**

***Monthly Magazine – Issue No.21 April 2009***

## Miġemgħa ta' nanniet li jridu jkomplu jitgħallmu

(Programm *Caring for the Carers* – fergħa edukazzjoni tan-nanniet)

Kemm il-prinċipju ta' tagħlim tul il-ħajja kemm ukoll l-importanza ta' appoġġ għal min fil-familja għandu rwol ta' *Carer* twaħħdu permezz tan-Nanna*Kola* Clubs żviluppati mill-Fondazzjoni. Hemm żewġ żviluppi interessanti bħalissa. L-ewwelnett, numru ta' parroċċi ikkuntattjawna biex jaraw kif nistgħu naħdmu flimkien biex jinbeda klabb fil-parroċċa tagħhom ukoll. It-tieninett, in-nanniet li ħadu sehem fit-tliet Clubs li tmexxew s'issa – Ħal Tarxien, Paola (Kristu Re) u Wied il-Għajn – xtaqu jkomplu jaħdmu fuq l-iżvilupp personali tagħhom. Permezz ta' tim compost minn ħaddiema tal-Fondazzjoni u nanniet li temmew il-kors, ġiet ippjanata sensiela ta' inkontri ma' esperti minn oqsma differenti.

L-ewwel djalogu sar illum, it-30 ta' April, ma' Dr Charlie Azzopardi, terapista tal-familja li għadu kif ħareġ tliet kotba bilingwi dwar is-separazzjoni. In-nanniet preżenti ġew minn Ħal Tarxien, Paola, B'Kara, Ħaz-Żebbuġ, il-Fgura, M'Scala. Kien hemm diskussjoni ħerqana u mqanqla dwar ir-relazzjoni bejn in-nanniet u uliedhom miżżewġa, speċjalment meta dawn ikunu sseparati. Claire Farrugia tirrapporta dwar din id-diskussjoni f'parti oħra ta' dan il-Magażin.





***Il-laqgħa li jmiss ser issir l-Erbgħa 20 ta' Mejju fid-9.00 ta' filgħodu ġewwa ċ-Centru Antida. Il-kelliema se tkun Joyce Callus mill-Adlerian Psychology Association u s-suġġett ser ikun - L-Iżvilupp tat-tfal u kif jaffettwa lin-nanniet.***

# Tmiem tat-tieni Programm Bridge

Fis-26 ta' April, intemm it-tieni Programm Bridge li kien ilu għaddej mill-4 ta' Novembru 2008. Il-grupp ta' żgħażagħ qattgħu 6 xhur magħna – 17-il sigħa fil-ġimgħa ta' taħriġ fil-ħiliet bażiċi li inkludew ICT, Malti, Ingliż, tisjir, żvilupp personali u inter-personali u eżerċizzju fiżiku. Fraħna u bkejna flimkien u ċċelebrajna kull pass 'il quddiem miksub minn kull wieħed u waħda mill-grupp. It-Tutors kollha għamlu ħilithom biex jużaw kull metodu li seta' jwassal biex kull parteċipant jista' jaħdem skond l-abbiltà individwali. Kien hemm żgħażagħ li ma kienux lesti għal programm fi grupp – għal dawn fassalna programm individwali sakemm jaslu biex jidħlu fil-grupp li jmiss aktar tard din is-sena.

Il-Basic Skills Unit tal-MCAST, bħal dejjem, offritilna kull għajnuna possibbli permezz ta' assessments, manwali u riżorsi oħra mir-Resource Centre tagħhom. Nirringrazzjaw lill-David Muscat li jmexxi din il-Unit fl-MCAST li jkun ta' sapport kbir għalina.

Ruth u Kim, iż-żewġ studenti tar-raba' sena tal-B.A. Social Work ippjanaw u mexxew Live-In ta' erbat ijiem għall-parteċipanti taż-żewġ programme Bridge li mexxejna s'issa. Dawk li setgħu jiġu, ħadu pjaċir immens u daqu ftit għall-ewwel darba xi tfisser tqum u tgħix f'komunità. Kellhom programm varjat fejn ipprattikaw il-ħiliet li kisbu matul il-Bridge bħat-tisjir, tindif, diskussjoni, kitba, qari u arti ukoll. Grazzi lil Ruth u Kim tad-dedikazzjoni tagħkom; lill-Jessie li kienet totalment risponsabbli mix-xiri u kċina; lil Salvina li, għalkemm akkumpanjat lil binha, għenet fuq li għenet waqt li straħet hi ukoll; lit-Tutors Mary, Lina u Anna li mexxew sessions prattiċi; lill-Patri Żaren tal-quddiesa; lil Tony tas-support one-to-one lil uħud mill-parteċipanti; u lill-Provinċja tal-Ordni tal-Patrijiet Agostinjani tal-użu ta' Dar Santa Monika f'San Pawl il-Baħar.

Lil dawk iż-żagħżagħ li, minħabba mard u ċirkostanzi oħra ma setgħux igawdu minn din l-opportunità magħna ngħidulhom li mmissjajniehom ħafna.

Issa jmiss round ieħor: diġà bdejna l-proċess ta' assessments għat-tielet Programm Bridge li qed jimla vojt fis-sistema tat-taħriġ post-sekondarju għal żgħażagħ vulnerabbli.





# *Rajk f'Idejk - it-tema tal-Live-In*

Din kienet it-tema ta' dawn it-tliett ijiem li qattajna flimkien ġewwa d-dar ta' Patrijiet Agostinajni f'San Pawl il-Baħar. Għażilna din il-frażi sabiex flimkien nitgħallmu kif nilqgħu sfidi u miri ġodda fil-ħajja u naslu għal deċiżjonijiet f'ħajjitna. L-għan ewlieni ta' dan il-live-in kien li ngħixu f'komunità magħquda fejn kull individwu huwa maħbub, apprezzat u trattat bħala persuna sħiħa u unika. Flimkien tgħallimna affarijiet oħra dwarna nfusna filwaqt li nkomplu nsaħħu l-potenzjal tagħna bħala individwi.



Permezz ta' dan il-live-in tgħallimna nkunu xi ftit aktar indipendenti, integrajna ma' ħaddieħor, u kbrina kemm spiritwalment kif ukoll personalment. Barra minn hekk, dan il-live-in serva sabiex bħala familja waħda nieħdu gost bil-kumpanija ta' xuxlin.

Mill-Ħamis filgħodu sal-Ħadd wara nofsinhar kellna diversi attivitajiet intressanti li kulħadd ipparteċipa b'interess. Mary Casha ħolqot ambejnt li ta' kreattivita'. Lina Ciantar ipprepartat diskussjoni dwarna nfunsna. Nora mexxiet is-sessions tal-Journalling kull filgħaxija. Anna mexxiet session ta' tisjir ta' torti.

Minn barra aspett soċjali u reliġjuż, fil-lista ta' attivitajiet għamilna ukoll żjara sat-torri ta' Wignacourt li kien jinsab żewġ passi 'l bogħod mid-dar li konna qegħdin noqgħodu fiha. John Sare spjegalna fid-dettall l-istorja ta' dan it-torri kif ukoll uriena kif inhu mqassam minn ġewwa dan it-torri. Wara nofs in-nhar kellna sessjoni ta' żfin fejn ħejjew żifna għall-quddiem il-mistednin filgħaxija. Patri Żaren ġie jqaddes quddiesa ġewwa il-Kappella fejn Annalise, Rosanne u Daniel qraw l-ewwel u t-tieni qari kif ukoll it-talb tal-fidili. Filgħaxija, aħna flimkien ma' Jessie ippreparajna BBQ.

Matul dawn l-erbat ijiem Marcyon ħejjilna sessjonijiet ta' talb kif ukoll attendejna quddiesa kull jum ġewwa il-parroċċa ta' San Pawl il-Baħar. Parti mill-programm li ħejjejna involva liż-żgħażagħ fit-tindif, tisjir u ħasil tal-ħwejjeġ.

Il-Ħadd filgħodu kellna attività oħra fejn Roderick sjega liż-żgħażagħ xi affarijiet utli rigward kif jaqraw mappa u kif jistgħu jaslu minn post għall-ieħor billi jsegwu il-mappa. Wara morna d-dar u ippakkjajna. Flimkien evalwajna kif ħassejna li morna. Permezz ta' din il-evalwazzjoni ħarġu dawn il-punti:



1. Tgħallimna nħobbu tassew lil xulxin
2. Tgħallimna inżommu il-kmamar tagħna nodfa
3. Irrealizzajna li kullħadd uniku u għandu l-kapaċitajiet tiegħu.
4. L-indafa personali u tal-madwar hi importanti ħafna
5. L-għaqda ta' bejnietna kienet tinħass sew
6. Il-live-in serva ta' mistrieħ.

Aħna nixtieqpu nirringrazzjaw minn qalbna lil Nora talli uriet fiduċja fina u ħalliet f'idejna sabiex immexxu l-programm kollu tal-live-in.
Barra minn hekk nixtiequ nirringrazzjaw minn qlubna llil Jessie u lil Salvina tal-ħidma bla waqfien u dejjem ferrieħa tagħhom kontinwa!

Grazzi
Kim u Ruth ☺

***Talba ta' wieħed mill-parteċipanti tal-Live-In***

**Illum nixtieq li għid grazzi lill-Mulej ta' dawn l-erbat ijiem li qattajna flimkien. Ħaġa waħda nitlob minn qalbi - li forsi jerġa' jkollna xi ieħor 'il quddiem għax vera konna qisna familja - kulħadd ferħan - nieklu, nitgħallmu u ħafna affarijiet oħra. Mulej, nixtieq li ngħidu grazzi ukollgħal kull min ħa ħsiebna u anke dawk li ġew biex ituna xi tagħlim li aħna ħadna gost bih. Dan kollu, Mulej, int tagħmlu għalina. Grazzi**

**Mulej, din l-imħabba kollha li tajtna mhu se ninsa qatt għax mingħajr imħabba ma nagħmlu xejn u Bik biss manna iseħħ.**

**Mulej, jien se nispiċċa hawn. Aħna se nżommu f'qalbna dak kollu li kellna f'dan il-Live In u nibqgħu nitolbu għal dawk kollha li b'tant imħabba seta' jsir dan kollu għalina ħalli aħna nkomplu nitgħallmu.**

**Marcyon Spiteri**
**Programm Bridge**

## Kummenti tan-nanniet dwar kif jgħinhom il-Klabb NannaKola

**Kif jista' l-Klabb Nannakola jgħinek fil-bżonijiet tiegħek?:**

- nitolbu għal xulxin u noffru talb għal uliedna
- nieħu informazzjoni bżonnjuża u nitgħallem anke minn esperjenzi ta' ħaddieħor
- lili personalment għinni ħafna; bidilli ħajti
- naqsmu l-problemi ma' xulxin u ma nħossuniex weħidna
- niksbu pariri li jgħinuna ħafna
- dak li tisma' ta' valur, tatwaħ
- għamilt ħafna ħbieb
- jgħinni f'bosta affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-familja.
- Nieħu informazzjoni fil-kuntest ta' dawn iż-żminijiet
- Lili jgħinni għax aktar nitgħallem, inħossni rillassata, u niltaqa' ma aktar nies u ħbieb . Grazzi
- Introduċieni għal firxa ta' affarijiet oħra
- Jgħallmek kif trid timxi man-neputijiet u uliedek stess
- Nieħu informazzjoni marbuta ma' xi problema tiegħi
- Iż-żminijiet li qegħdin ngħixu fihom illum dejjem qed joħorġu xi ħaġa ġdida
- Il-Klabb għandu jitkompla għax veru interessanti u ta' tagħlim kbir
- Issir taf li l-problemi tiegħek jixbħu lil ta' ħaddieħor u hemm tarf għalihim.

**Suġġeriment oħra:**

- Tuna aktar laqgħat bħal dawn
- X'għandna nagħmlu meta t-tfal ikollhom karrattru aggressiv
- Li jkollna laqgħat darba fix-xahar tajjeb, għax barra milli nitgħallmu xi ħaġa, tajjeb għalina u l-familja li niltaqgħu mal-ħbieb nanniet
- Talk dwar sitwazzjoni fejn hemm partners ġodda u l-effett li jkun hemm fuq it-tfal tal-koppja
- Fis-sajf nibqgħu niltaqgħu imqar darba fix-xahar
- Ningħataw handouts fuq il-laqgħa mill-lecturers f'kull miġemgħa tax-xahar
- Iċemplulna (jinfurmawni) biex inkunu naf meta se jkunu laqgħat.
- (Risposta: aħna nċemplu u nxandru minn fuq l-artal ġol-parroċċi, flyers ġol -ħwienet)
- Importanti li laqgħat isiru darba fix-xahar biex nibqgħu aġġornati.
- Ikollna laqgħal b'suġġetti varji
- Kif ngħinu lin-neputijiet fil-HW, jużaw il-compjuter tajjeb
- Nibża' miċ-chatting u pornografija – x'nistgħu nagħmlu








An Ancient Byzantine Prayer

Serene light shining in the ground of my being,
Draw me to yourself,
Draw me past the snares of the senses,
Out of the mazes of the mind,
Free me from symbols and words,
That I may discover the Signified,
The Word unspoken,
In the darkness that veils the ground of my being

## Il-Proġett VINĊI - Community Work f'Ħal Kirkop –

***mid-dijarju ta' Community Outreach Worker***

***…ikompli mill-ħarġa numru 20, Marzu 2009***

Imbagħad niltaqgħu ma' numru ta' single mothers. Uħud jidhru li jinsabu komdi. Inteliġentissima dik it-tfajla li tippjana bħall-ġenerazzjoni ta' qabilha għal kif se tieħu dan l-istat fiż-żgħożija bikrija tagħha. Mhux tal-ġenn li ċċiċċi bilqiegħda d-dar u l-pappa dieħla xorta waħda? Allowance għall-ewwel wild, allowance għat-tieni wild, benefiċċji soċjali għaliha u nibqgħu sejrin. Mhux kull single mother tagħmel hekk għax nafu li hemm ħafna li jaraw kif se jfendu għal rashom u jistinkaw sabiex joħloqu kwalità ta' ħajja aħjar għalihom u għal uliedhom. Ħafna drabi ssib ommijiet żgħażagħ li jibqgħu jistudjaw jew isibu mpieg. Fix-xogħol li qed nagħmlu, madanakollu, insibu li ħafna ommijiet żgħażagħ jippreferu jibqgħu kif inhuma – dipendenti fuq il-benefiċċji soċjali u fuq il-flus li jnewlilhom xi sieħeb.

Toffrilhom opportunitajiet biex jibqgħu jitgħallmu u jiżvluppaw u ma jaċċettawx. Jekk titkellem ras'imb'ras magħhom jgħidulek li jixtiequ jkunu jafu aktar dwar kif irabbu lil uliedhom aħjar, jew dwar kif inaqqsu l-kunflitti mat-tfal. Iżda xorta ma jiġux, minkejja li tkun tħaddidt magħhom dwar kif jistgħu jibbenefikaw minn dawn l-opportunitajiet.

Kultant naħseb li forsi jkun aħjar jekk il-benefiċċji soċjali jintrabtu ma' parteċipazzjoni f'opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja, anke għal min mhux qed ifittex ix-xogħol għax għadu qed irabbi tfal żgħar. Hemm bżonn ta' mekkaniżmi li minnhom innifishom jħeġġu persuna tmidd idejha, anke għal tliet sigħat kuljum, sabiex jitnaqqas l-għażż; persuna titgħallem xi tfisser li taħdem għall-ghixien tagħha u tal-wild tagħha.

Niltaqgħu ma' dawk li tidher biċ-ċar li jkunu qed iqarrqu bis-sistema tal-benefiċċji soċjali. Jidhru li huma single parents meta fil-fatt ikunu qed jgħixu u jiġu mantnuti minn sieħeb waqt li qed idaħħlu wkoll il-manteniment mill-missier. Fix-xogħol tagħna qed nirrealizzaw li dan l-istat u l-biża' li jinkixfu, qed iżomm lura bosta nisa milli jipparteċipaw fi gruppi ta' appoġġ u ta' taħriġ fil-lokal stess. Jippreferu jillimitaw il-konoxxenzi taghhom ma' ħaddieħor.

Illum inħoss ix-xewqa li nitkisser aktar fuq dan ix-xogħol speċjalment fejn tidħol għajnuna lill-ommijiet żgħażagħ li n-nuqqas ta' edukazzjoni sesswali tagħhom tagħmilhom aktar vulnerabbli għal esplojtazzjoni sesswali u tqala wara tqala. Nixtieq ngħin biex il-fenomenu ta' vulnerabbiltà li tintiret minn ġenerazzjoni għall-oħra titnaqqas xi ftit. Din ir-realtà eżistiet minn dejjem, iżda faqqset u qed tkompli titkattar flok tonqos, minkejja s-sistema sofistikata ta' edukazzjoni li għandna llum.

Dak kollu li niltaqgħu miegħu għallimni napprezza kemm jiena sinjura fl-imħabba li għandi x'nagħti u dik li qed nirċievi, kemm waqt ix-xogħol, kemm ukoll fil-ħajja personali tiegħi. Tgħallimt napprezza aktar l-affarijiet materjali li l-familja tiegħi hija mdawra bihom għall-bżonnijiet tal-ħajja ta' kuljum. Sar aktar faċli għalija li nkun pożittiva meta niltaqgħu ma' diffikultajiet finanzjarji fid-dar.

Qiegħda nitgħallem aktar nuża' modi differenti ta' kif nikkomunika ma' nies ta' etajiet differenti u bi problemi differenti. Naf li fadalli aktar x'nitgħallem f'dan ir rigward u għalhekk sirt nirrifletti u nanalizza:

- l-komportament tiegħi wara li nkun tkellimt ma' min ikollu bżonn is-servizz tagħna;
- l-imġieba u r-*response* ta' dawk li jkolli kuntatt magħhom f'dak il waqt;
- jekk dawk li ngħin jerġgħux ifittxuni drabi oħra;
- kemm jidhru komdi li jgħidu dak li jkollhom bżonn.
-

Iż-żgħażagħ li qed ikollna dan l-aħħar huma ta'sfida ġdida għalija. Dan għaliex niltaqgħu magħhom fit-triq filgħodu meta suppost qegħdin l-iskola. Jgħidulna li ma togħġobhomx is-sikkatura. Għalhekk hija sfida għalija li jkolli quddiemi żgħażagħ ibaqbqu b'enerġija u dinamiżmu li ma jafux kif se jutilizzawhom. U jien ikolli nsib mod kif inkun soda fid-deċiżjonijiet tiegħi magħhom waqt li fl-istess ħin inkun ħabiba u nibqa' disponibbli.

Inħoss li qed joqrob iż-żmien fejn ikolli idea aktar ċara ta' x'se nkun qed nagħmel minn hawn u ftit żmien ieħor, bid-differenza li rrid li dak li nkun qed nagħmel, ikolli preparazzjoni tajba għalih.

*Claire Farrugia*

## Komunità ta' komunitajiet *tikteb **Pauline Agius***



Meta nirrifletti dwar din it-tema naħseb li t-tip ta' soċjetà li ngħixu fiha hi magħmula minn bosta komunitajiet. Inħares madwari u nsir iżjed konxja li meta aħna nħossuna parti integrali minn komunità, x'aktarx li nibdew inħarsu lejn dawk li mhumiex fil-komunità tagħna b'suspett għax jistgħu jaġixxu b'mod li jkun ta' detriment għall-grupp tagħna. Il-grupp 'tagħna' jista' jkun 'klassi' li tkun inħolqot tul is-snin sabiex il-membri tagħha jintgħażlu minn oħrajn. Ħsibijiet negattivi u attitudni ta' suspett lejn dawk li aħna nikkunsidraw differenti minna huwa preġudizzju. Huwa minħabba l-preġudizzjoni li naslu biex nittimbraw ċertu kategoriji ta' persuni bħala mbarazz. Għandna t-tendenza li lil dawk li jġibu magħhom problemi, naqtgħuhom għalihom u nħalluhom barra mill-attivitajiet tal-komunità li nagħmlu parti minnha. Aħna li mingħalina nifhmu, ma nintebħux li 'huma' prodott jew konsegwenza tal-preġudizzji tagħna. 'Huma' jistgħu ikunu persuni b'mard mentali jew nisa bi tfal minn irġiel differenti. Il-preġudizzju tagħna jkompli jgħarraqhom u jiżolahom. Jitħabtu biex ikampaw u biex iżommu f'wiċċ l-ilma li, aktar ma' jgħaddi ż-żmien, aktar jitqalleb.

Min-naħa l-oħra, nies li jkunu f'sitwazzjonijiet diffiċli li jwassalhom fi stat li jeħtieġu l-għajnuna, jinqatgħu għalihom u ma jipparteċipawx fi strutturi bħal tal-lokal u tal-parroċċa jew minħabba l-mistħija jew għax iħossuhom ma jiswew xejn. Hemm min tonqoslu l-ħeġġa li jfittex għajnuna. Hemm min ma jkunx jaf fejn se jaqbad jagħti rasu. Hemm min ma jafx jgaħrrbel il-prijoritajiet biex jagħmel għażliet li jgħinuh ikampa u jaffaċċja l-isfidi b'mod pożittiv. Hemm min jinfena jġorr piż wara piż. Hemm min ma jħossx il-bżonn li jikseb ħiliet biex jiżviluppa u jimxi 'l quddiem. Lil dawn, għandna nagħdruhom u mhux niġġudikawhom, qisna aħna xi supermen ħdejhom.

F'kull parroċċa u lokalità, hemm nies li jħossuhom komdi li jiffurmaw parti minn grupp jew għaqda elitista, esklussiva. Hemm oħrajn li jħossuhom komdi li jkunu sangisugi tas-sistemi t'appoġġ u ma jitħalltux ma dawk li huma differenti minnhom ma jmurx l-istat tagħhom isir magħruf. Jiena nħoss li, aħna min aħna, huma x'inhuma ċ-ċirkustanzi li ngħixu fihom, naqgħu f'liema kategorija naqgħu, jeħtiġilna naċċettaw ħafn'aktar lil xulxin bla tabelli u nuċċalijiet imċajpra minn preġudizzji.

### KOMUNJONI u XHIEDA



**Siltiet mill-kliem ta' l-għeluq ta' l-Eċċ. Tiegħu Mons. Pawlu Cremona waqt is-Seminar għall-Kunsilli Pastorali Parrokkjali - 17 u 18 ta' April, 2009**

- Komunità nisranija hi magħmula minn dawk li qegħdin fil-knisja u għażlu li jagħmlu komunità.
- Il-Parroċċa hi territorju li trid tevanġelizzah.
- Il-komunjoni hi mezz ta' evanġelizzazzjoni.
- Kif se nkabbru l-komunjoni bejnietna? Kull wieħed u waħda minnha rridu nikkunsidraw li:
    a. aħna lkoll irridu nħossuna li ġejna msejħin u li aħna weġibna għal din is-sejħa. Dan jagħtina sens tà umiltà – niswa, għax ġejt imsejħa.
    b. aħna mibgħutin (apostolat – missjoni) biex inwasslu l-kelma tiegħu. Jiena nifraħ għax Hu bgħatni; għax mhux minn rgħajja! Nifraħ għax Kristu għażilni. Dan hu l-ispirtu tal-magħżulin, tal-imsejħin!
- La magħżulin, ma għażilniex lil xulxin. Allura għandna naċċettaw lil xulxin.
- Kull meta nħobb, irrid inneħħi l-'jien' min-nofs. Persuna li ngħin, narafha u naraha min-nuċċali tiegħi. Hawn, jekk ma nkunux attenti, jidħol il-'jien' fin-nofs.
- Meta nħobb, ma nħobbx b'umanità biss, iżda b'umanità Kristjana.
- Komunità Kristjana qatt mhi komda fiha nnifisha. Għandha tkun skomda għax hemm ħafna barra mill-komunità. Komunità li qed tfittex lil dawk li huma barra. Trid tkun komunità li tilqa'.

***- X'se nagħmel jien biex ngħin il-komunità kristjana tkun aktar waħda li tilqa'?***

# 23 May   Solennity of Saint Jeanne Antide's feast



*"Lord Jesus.*
*Deign to pour in our hearts*
*The love that beats in yourself*
*And which you marvellously lit up in*
*Saint Jeanne Antide…"*

Sisters of Charity, Friends of Jeanne Antide, with the words coming from Africa, from Asia, from Europe, from America, we shall be united on this day with the same prayer of thanksgiving.
Yes, let us thank the Lord: He gave us the Gift of Jeanne Antide, she showed us the path leading to the Gospel, she made us love the Church, and directed us towards the poor.

***"In you alone, my Lord, I have placed my trust…***
***now and in eternity, my hope… "***



## 27 November - ANNIVERSARY OF SAINT JEANNE ANTIDE'S BIRTHDAY

**Jeanne-Antide was born** on the 27 November 1765 at **Sancey-le-Long**, in the neighbourhood of Baume-les-Dames in Franche Comté (Diocese of Besançon), a small village in the South East of France, surrounded by fields and forests.
The end of the 18th century was profoundly marked by political and social disturbances which characterised the end of the ancient regime.

Her father, a wealthy farmer who had a large house on the border of Baume and her mother « rejoiced very much at her birth, for they had had boys but no girls. She was the fifth of their children." She was preceded by Odile who died when she was one and a half years old (1756-1757), Joachim (1758-1819), Jean-Jacques, 1761 -?), Jacques-Joseph (1763-1792) and was followed by Pierre, (1768 -?), Claude-Antoine (1770-1825), and by her Sister Jeanne-Barbe (1773-1796). Her godparents at her **Baptism** were Modeste Biguenet and Jeanne Antide Vestremayr, the latter was a friend of the family Thouret and a woman of profound faith, whom we find beside Godchild in the important moments of her life.

The name Antide was a very common name in the Franche-Comté and dated back to the Bishop of Besançon who at the beginning of the 5th century had distinguished himself in the struggle against the Aryens and against the Vandales, to defend his Diocese .(*from the book: « in the footsteps of Vincent de Paul" sr Paola Arosio- Roberto Sani)*

She belonged to a family tried by so many sufferings but from which Jeanne Antide drew a solid and missionary faith..
In the Rule she wrote, and which later she had translated into Italian, she asks the children to recite a prayer which undoubtedly she herself loved to repeat often….

*For today's anniversary of her birthday, let us pick out a few excerpts from this prayer: (Rule of Life 1820 p.218) My God, I thank you for having given me the grace to be born of Christian parents and to receive the instruction which they have given me. With your help I will not abuse of such favours. Pardon me the faults that I have committed up to now because of my dissipation, my laziness, and in so many other different ways… With your help, I will profit better, in the future, of your graces and I will correspond more faithfully to your goodness which you continually shower on me with such tenderness…."*

*Nwar tar-Realtà*

Hija tħobb ixxomm il-ward u n-nwar
tar-realtà, ji jfewwaħ bl-ikħal
fejn tiżreġ xemx
matul il-lejl.

Titgħaxxaq sew ma kull ħsieb egoist
li jmewweġ f'moħħ tarbija
li f'benniena tinduna
li hi, hi, hi.

Il-fwieħa hi tbierek tal-luminċell
u l-qawsalli mfittxin
mill-qxur mimlijin
li mingħalihom m'humiex.

Hija tgħarrset lill-monaċi, r-rħab
u bnitilhom l-għerejjex filwaqt
li xeddew, fid-dlam u bla ħoss,
il-qxur f'magħmudija
ma' Ruħ il-Qodos.

Hija tħobb lill-mejtin, u jħobbuha
u tonfoħ l-inċens f'funeral
meta l-ward u in-nwar
tar-realtà
jkun mar.



tony macelli
18 ta' April 2009
ta' xbiex

***Dil-poeżija tħares minn perspettiva traxxendentali, lejn il-ħolqien (id-dinja, il-bnedmin) tinfetah bħal fjura f'għalqa ta' vojt sagru. Kemm huma għeżież anki l-ewwel ħsibijiet żgħar, egoisti, ta' dan il-ħolqien, fil-forma ta' tarbija qed tiskopri l-eżistenza! Dawn il-ħsibijiet jiżviluppaw fi speċi ta' qoxra, f'adult li jinħass bħala qoxra vojta – vojta għax il-ħsibijiet imantnu l-ego, il-jien tas-soltu, u l-adult iħossu vojt minn ġewwa. Kemm hija imprezzabbli l-opportunità li wieħed jasal sa taħt il-ħsieb fi spiritwalità li tiltaqa' mad-divin hemm, fil-vojt sagru... li huwa wkoll il-milja. – t.m.***

## *25 years of faithfulness*

Sr. Pauline Busuttil and myself have very different stories which led to the same answer to God's call to love within the big family of the Sisters of Charity. Our commitment to love God above all, in community and service to the poor started 25 years ago. God drew us in the wilderness and spoke to our heart and there we understood how great His love towards us was. In response to this love, we freely offered ourselves to Him forever. During these 25 years, we tried to love all the people we met on our way, all the sisters in the different communities we lived in, and the people we served mainly in residential social work and in education. Above all, we tried to keep God always at the centre of our lives. Our **Rule of Life** repeatedly says "**our life is Christ**" and this is very true. Only He gives meaning to every minute we live in this consecrated life and through Him and with Him we grow in love and freedom. For all the blessings He bestowed in our lives we want to give thanks and would like you all to join us in praise and joy during the mass that is going to be celebrated on the 23rd May at 6.30pm at Mosta parish church.

**Sr. Teresa Tonna & Sr. Pauline Busutill**
**Sisters of Charity**







## Grupp ieħor tas-Self-Esteem mitmum - *minn Astrid Camilleri, Faċilitatur tal-Kors*

Ikolli ngħid li ħadt pjaċir meta rġajt ġejt mitluba mmexxi dan il-kors għal grupp ieħor għax nemmen ħafna fl-importanza li wieħed jiżviluppa sens ta' stima tiegħu nnifsu (Self-esteem). Forsi tistaqsu: il-għala? Mill-esperjenza tiegħi personali tgħallimt li meta bdejt nemmen fija nnifsi u bdejt nirrispeta lili nnifsi, ħassejt bidla kemm fija fiha nnifsi kemm ukoll fl-attitudni ta' ħaddieħor lejja. U l-esperjenza kienet pożittiva għall-aħħar.

Għaldaqstant, il-fatt li ninsab f'pożizzjoni li naqsam il-ftit li naf ma' ħaddieħor hu mezz li lili jgħinni nikber. Nittama li permezz ta' dawn il-korsijiet li nwettaq fil-Fondazzjoni, ngħin lill-ħafna nies jkabbru sens ta' stima lejhom infushom. Dan jagħmluh billi jbiddlu kemm il-ħsibijiet negattivi dwarhom infushom kemm ukoll attitudnijiet lejn il-ħajja. B'naqra rieda tajba, jien insib, u bi ftit kuraġġ, kulħadd jirnexxilu jikseb kunfidenza, attitudni pożittiva u stima tiegħu jew tagħha.

S'issa mexxejt ħames korsijiet dwar is-*Self-esteem* fil-Fondazzjoni. Il-parteċipanti jkunu riferuti mis-Servizz ta' Social Work u Counselling. Huma miftuħin ukoll għall-voluntieri tal-Fondazzjoni u għal persuni riferuti mill-Kappillani tal-parroċċi ġirien.

Fis-26 ta' Marzu spiċċajna kors f'Ħal Tarxien u fil-21 ta' April bdejna wieħed f'Wied il-Għajn. Fil-grupp ta' Ħal Tarxien, kien hemm minn ħa sehem attiv b'mod regolari ħafna; kien hemm min, iżda, li m'attendiex bl-istess konsistenza. Madanakollu, f'kull kors li għamilna, kelli l-opportuntà niltaqa' ma' diversi persuni - kollha bl-istorja differenti u unika tagħhom, b'esperjenza tal-ħajja differenti. Kollha ppruvaw jagħmlu l-almu biex isarrfu l-għadma iebsa tal-ħajja f'tagħlimiet u ħarsa mimlija tama lejn il-ġejjieni.

Matul il-laqgħat ta' kull kors, ippruvajna niskopru modi differenti ta' kif naċċetaw lilna nfusna u ta' kif inkabbru il-kunfidenza fina nfusna. Tkellimna fuq kif nistgħu nkunu aktar assertivi billi naġixxu fl-interess tagħna u nesprimu dak li nħossu, fost affarijiet oħra, mingħajr ma niċħdu d-drittijiet ta' ħaddieħor. Iddiskutejna diversi aspetti oħra li komplew għaqqdu l-grupp u mlew il-membri b'tama u enerġija biex jiffaċċjaw l-isfidi b'qawwa minflok qtugħ il-qalb. Inbniet ċerta ħbiberija fil-grupp fejn il-membri mhux biss fittxew modi ġodda ta' kif ikunu u jħossuhom aħjar iżda ippruvaw jgħinu wkoll sabiex il-membri l-oħra tal-grupp ukoll imorru tajjeb. Din il-ħbiberija u sens ta' altruiżmu għalija jkun il-polz tas-suċċess tal-grupp – iċ-ċirasa fuq il-kejk!

Nagħaq billi nirringrazzja lill-Fondazzjoni li tatni din l-opportunità li nkun parti minn proġett kontinwu daqstant sabiħ u siewi u nsellem lil kulħadd, speċjalment il-ħbieb ġodda tiegħi li sirt naf permess ta' dawn il-gruppi ta' żvilupp personali.

Congratulations to

Caroline Cortis & Family






# Aħbarijiet minn gruppi oħra kollaboraturi tas-Sorijiet tal-Karità

***Grupp Ħbieb Ta' Giovanna Antida***

Kien imiss il-laqgħa t'April li aħna l-ħbieb ta' Ġovanna Antida nagħmlu darba fix-xahar. Biex inkomplu mal-festa tal-Għid, ftehemna li din id-darba nagħmluha b'differenza. Organizzajna serata: talb fil-kwiet, riflessjoni fuq Santa Ġov. Antida, quddiesa, u festin.

Għad li kellhom xi studenti franċiżi, il-komunita tal-Gudja aċċettawna b'idejhom miftuħin. Stedinna lill-ġirien tagħna, il-komunità ta' Birżebbuġa. Konna mat-tletin persuna, bejn lajċi u sorijiet.

B'mużika leġġera u bit-talb personali fis-skiet u l-ġabra, bdejna l-ewwel parti tal-laqgħa. Fit-tieni parti għamilna riflessjoni fuq kif il-qaddisa fasslet l-istil tal-ħajja tagħha min direzzjoni spiritwali ta' żewġ kotba li kienet issegwi- il-Bibbja u l-Kempis (The Imitation of Christ ). Allura għamilna paragun bejn silta mill-ittri tagħha u silta mill-Kempis, biex ikollna eżempju ta' dan l-istil.

Wara waqfa qasira, iċċelebrajna quddiesa. Iċ-ċelebrant għamel kemm seta biex jurina l-qawwa ta' l-ewkaristija. Beda jfehemna li l-ostja w l-imbid jinbidlu fil-ġisem u d-demm ta' Ġesu, però ta' Ġesu rxoxt, jiġifieri fil-ġisem u d-demm mistiku ta' Ġesu mqajjem mill-imwiet.

Punt ieħor kien juri kif Ġesu uża l-komunità bħala l-ewwel pedament tal-kristjaneżmu. Per eżempju, meta deher lill-appostli waqt li kienu miġbura jitolbu wara l-bibien magħluqa, jew meta deherilhom max-xatt u kmandahom jitfgħu x-xibka l-baħar, u qabdu ħafna ħut.

Mument sabieħ ieħor kien waqt il-ħin tat-tqarbin. Il-qassis, l-ewwel qassam l-ostji lil kull persuna, imbagħad kollha tqarbinna f'daqqa waħda, meta tqarben hu.

Kien imiss, il-festin - sausage rolls, pastizzi, pizza, sandwiches, panini, ġelat u lumminata. Qsamna kollox f'atmosfera ta' ferħ u ħbieberijja. Fl-aħħar mill-aħħar, mhux hekk tistenna mill-Ħbieb ta' Ġovanna Antida!

*Daniel Grech*





# Aħbarijiet mill-Fondazzjoni

1 u 15 t'April: Uffiċjali ta' l-**ETC** ġew jagħmlu *monitoring* tal-placement ta' wieħed mill-istudenti tal-Programm Bridge fl-iskema **Job Experience Scheme**. Redent Caruana minn Ħal Tarxien temm 12-il ġimgħa taħriġ mal-Fondazzjoni taħt din l-iskema ta' l-ETC. Il-mira kienet li Redent ikun espost għal taħriġ fl-iskultura u xogħol fil-ġebel. Parti mill-ġin qattgħu mal-Limestone Heritage biex ikompli jissaħħaħ fil-ħila tal-iskultura. Il-bqija tal-ħin qattgħu jaħdem mat-tim li qed jagħmel refurbishment tad-dar biswit iċ-Ċentru Antida. Redent kien il-ħames żgħażugħ mill-Programm Bridge tagħna li temm taħriġ magħna taħt skema tal-ETC.

1 t'April: Ippartecipajna fil-laqgħa ta' kull 4 xhur tal-**Kunsill tal-Caritas**. Għalkemm il-Fondazzjoni kienet resqet talba biex il-Fondazzjoni Santa Giovanna Antida tibbenefika minn xi perċentaġġ tal-ġbir ta' fondi li jsir kull sena mill-parroċċi Maltin f'Jum il-Karità, il-Monsinjur Grech li jiċċerja l-Kunsill bħala delegat tal-Arċisqof qal li billi d-dħul minn Jum il-Karità kien qed jitqassam lil numru ta' entitajiet tal-Knisja, ma kienx ta' l-ideja li s-somma li qed tinġabar tinqasam iżjed.

6 t'April: Il-**Governing Board** tal-Fondazzjoni kellu l-laqgħa ta' kull xahar.

7 t'April: In-nanniet mill-parroċċa ta' Kristu Re, Raħal Ġdid, li ħadu sehem attiv fi Klabb Nannakola , żaru ċ-Ċentru Antida biex jifhmu aktar dwar is-servizzi tal-Fondazzjoni, jevalwaw il-Klabb li kien għadu kif temm u jippjanaw inizjattivi oħra flimkien ma' nanniet minn parroċċi oħra li ħadu sehem fi Klabb simili.

14 April: Kellna **konsulta** dwar każ mal-**Mental Health Association** flimkien ma' familja sabiex il-qraba jkunu f'qagħda aħjar li jieħdu ħsieb membru tal-familja żagħżugħa b'mard mentali. Dawn it-tip ta' konsulti jqawwu u jsaħħu l-kompetenzi tal-ħaddiema tal-Fondazzjoni biex jappoġġjaw b'mod aktar effettiv il-familjari ta' persuni b'mard mentali.

18 t'April: Nora kienet mistiedna mis-Segretarjat għall-Ħajja u Ħidma fil-Parroċċi fil-Kurja tal-Arċisqof biex tagħmel preżentazzjoni lill-Kunsilli Pastorali Parrokkjali dwar it-tema **St. Jeanne Antide Foundation – Komunità fil-qalba ta' komunitajiet**. Dan sar waqt Seminar annwali ġie organizzat mis-Segretarjat u mill-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali.

20 t'April: Laqgħa ma' Stelmar Khalil mir-Richmond Foundation dwar *referrals* minn u lejn il-Foundation.

23-26 t'April: Ġie organizzat **Live-In** ta' erbat ijiem sħaħ għal parteċipanti ta' l-ewwel u t-tieni gruppi tal-**Programm Bridge**. L-ippjanar kien f'idejn Ruth Brincat u Kim Vella, studenti tar-raba' sena tal-B.A. (Social Work). Kien programm mimli attivitajiet prattiċi bħat-tisjir, tindif u ħasil ta' ħwejjeġ, ħruġ, diskussjonijiet u attivitajiet kulturali. Jessie Spiteri, Voluntiera li tmexxi l-Homework Support Service, kienet risponsabbli minn kull ma kellu x'jaqsam ma' xiri, tisjir u tindif tal-kċina. Grazzi t-tim kollu!



30 t'April: **Miġemgħa ta' nanniet** li diġa ppartecipaw fi Klabb Nannakola f'Ħal Tarxien, Paola (Kristu Re) u Wied il-Għajn flimkien ma' nanniet oħra mill-parroċċi tal-madwar iltaqgħu mal-Family Therapist Dr Charlie Azzopardi biex jitgħallmu aktar dwar u jiddiskutu t-tema ta' **Is-Separazzjoni taż-Żwieġ – x'implikazzjonijiet għan-nanniet li jrabbu n-neputijiet?** Din il-miġemgħa jew network ta' nanniet li jieħdu ħsieb regolarment tan-neputijiet tagħhom se tiltaqgħa kull xahar fiċ-Ċentru Antida bħala mezz ta' tagħlim tul il-ħajja dwar temi magħżula min-nanniet stess.



30 t'April: L-aħħar jum tal-practicum ta' Ruth Brincat u Kimberley Vella, studenti ta' l-aħħar sena tal-kors universitarju tal-BA (Social Work). Minn Frar 'l hawn, Kim u Ruth qattgħu 400 siegħa kull waħda jipprattikaw Social Work mal-Fondazzjoni. Ħadmu ħafna, kiena magħna kuljum u saru parti mill-familja ta' SJAF. Ippjanaw u mexxew il-Live -In għall-parteċipanti taż-żewġ gruppi tal-Programm Bridge.
Se nimmissjawhom ħafna!

**Żviluppi**:

- Tony Pulis flimkien maż-żgħażagħ minn Ħal Kirkop John Paul Cesare u Redeemer Caruana baqgħu għaddejjin bir-**refurbishment tad-dar żgħira** tal-Provinċja tas-Sorijiet tal-Karità bieb bieb maċ-Ċentru Antida. Il-Provinċja tittama li din id-dar tkompli tintuża għal skopijiet soċjo-edukattivi u pastorali b'risq persuni u familji vulnerabbli, hekk kif ilha tintuża għal dawn l-aħħar 40 sena. It-tim qieged, bil-mod il-mod, iġib id-dar fuq il-fil sabiex tidher isbaħ. Grazzi lit-tim u proset Tony tax-xogħol ta' taħriġ hand-on taż-żgħażagħ!

- Qed nagħmlu riċerka permezz ta' intervisti ta' prattikanti bl-għan li twassal għall-**ftuħ ta' Open Centre żgħir għal nisa immigranti irregolari**. Il-Provinċja qed tikkonsidra talloka l-użu ta' parti minn kunvent għal dan l-iskop. Din l-inizjattiva se tkun bi sħab bejn il-Provinċja tas-Sorijiet tal-Karità, il-Fondazzjoni Santa Giovanna Antida u l-OIWAS (Organisation for the Integration and Welfare of Immigrants).

- Sr Josephine Piscopo, Sr Dositea Cardona u Sr Letizia Coreshi baqgħu għaddejjin bl-inizjattiva volontarja ta' **appoġġ lil nisa immigranti irregolari fil-Ħal Far OIWAS** kull nhar ta' Tlieta għal nofstanhar.

- **Nanniet** minn Wied il-Għajn, Paola (Kristu Re) u Ħal Tarxien iltaqgħu kemm-il darba mat-tim tal-Grandparent Education tal-Fondazzjoni biex **jippjanaw sensiela ta' inkontri ta' kull xahar ma' esperti** biex ikomplu jissaħħew fl-għarfien u ħiliet marbuta ma' temi indikati mill-parteċipanti tan-Nannakola Clubs.

- Dan ix-xahar (a) ressaqna **6 persuni biex jirreġistraw għax-xogħol** ma' l-ETC; (b) kellna 9 laqgħat ma' professjonisti ġewwa l-isptar Monte Carmeli, (c) kellna żewġ żjajjar il-qorti ma' persuni li ngħinu; (d) għinna 9 persuni jħejju CV biex ikunu mħejjija aħjar għal-intervisti għall-impieg.

# Statistika dwar każijiet riferuti lis-Servizz ta' Social Work u Counselling

**16-il każ ġdid f'April:**

| | |
|---|---|
| **Saħħa Mentali:** | **9** |
| **Appoġġ fit-Tagħlim:** | **2** |
| **Drogi:** | **2** |
| **Separażżjoni:** | **1** |
| **Diżabilità:** | **1** |
| **Bla dar:** | **1** |

**L-importanza tal-Edukazzjoni dwar Relazzjonijiet b'Saħħithom -diskussjoni fil-Kumitat Parlamentaru dwar l-Affarjiet Soċjali**

**Frar 2009**

Punti li tqanqlu waqt id-diskussjoni tal-Kumitat Parlamentari dwar l-Affarijiet Soċjali dwar dan is-suġġett mal-Psikologa Dr Angela Abela:

*"...pajjiżna għaddej minn tranżizzjoni u l-edukazzjoni favur relazzjonijiet b'saħħithom hija l-ewwel pass favur it-tisħiħ tal-familja....speċjalment mal-adolexxenti u koppji żgħar..."*

*"...skont l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, fl-2005 is-separazzjonijiet f'Malta kienu jammontaw għal 3.5% taż-żwiġijiet...dan ifisser li għad għandna ħafna żwiġijiet b'saħħithom..."*

*"...li koppja tgħix fit-tul hija challenge u għalhekk il-koppja trid timpenja ruħha...ma nistgħux naħsbu fix-xogħol biss u ma ninvestux fir-relazzjoni tal-koppja..."*

*"...30% tat-twelid fl-2006 saru barra ż-żwieġ...studji lokali juru d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom ġenituri f'età żgħira...l-adolexxenti jixtiequ jkunu jafu aktar fuq ir-relazzjonijiet"*

*"...studju fl-Università ta' Malta juri kif 99.8% tal-istudenti ma jaraw xejn ħażin fil-koabitazzjoni u 42% jaraw il-koabitazzjoni bħala pass għaż-żwieġ..."*

*"...preokkupazzjoni fuq in-numru dejjem jiżdied ta' rapporti sesswali każwali kaġun ta' rapporti każwali u xorb eċċessiv...21% taż-żgħażagħ jagħmlu appuntamenti ma' persuni li jiltaqgħu magħhom minn fuq l-internet..."*

*"...riċerka lokali turi li 54% tal-ommijiet qed jirritornaw għax-xogħol wara sitt xhur biss li jkollhom it-tfal...dan huwa kambjament kbir fis-soċjetà tagħna...il-ġenituri għandhom jingħataw taħriġ għall-perikli li jistgħu jiltaqgħu magħhom l-adolexxenti..."*

Simili għal ħafna pajjiżi oħra, is-soċjetà Maltija għaddejja minn tranżizzjoni ta' familja tradizzjonali għal waħda mhux daqshekk tradizzjonali. Filwaqt li r-rata ta' separazzjonijiet għadha waħda baxxa (*3.5% marital separation NSO 2005*), irridu nistennew statistika ġdida sabiex jiġi ċċarat x'ċaqliq sar tul dawn l-aħħar snin.

Il-bżonn ta' aktar riċerka f'Malta hija fundamentali sabiex titfassal politika għall-familja li tagħraf il-prijorità ta' ċertu problemi fil-familja. Dr Abela reġgħet saħqet għal aktar fondi finanzjarji liċ-Ċentru tal-Istudji tal-Familja fl-Università ta' Malta sabiex dawn il-fatti joħorġu fid-dawl b'mod xjentifiku u jgħinu fit-tfassil tal-politika. Jinħass ukoll il-bżonn ta' aktar informazzjoni fuq min huma dawk il-koppji li qed jisseparaw, kemm kienu ilhom fiż-żwieġ u għalfejn isseparaw. Minn studji li kienet għamlet Dr Abela f'Malta, kien ħareġ li wieħed mill-fatturi li jista' joħloq problemi f'relazzjoni bejn il-koppja huwa n-nuqqas ta' karezzi u kumplimenti, xi ħaġa li l-kultura Maltija tħares lejhom bħala bla sens. Edukazzjoni favur relazzjonijiet b'saħħithom jgħin għall-bidla f'din il-kultura.

Minn studji ta' Abela fis-sena 2000, il-valuri nbidlu b'tali mod li l-Maltin ma għadhomx jittolleraw l-abbuż. Ċertu problemi li qabel kienu jibqgħu moħbija fil-familja, issa qegħdin joħorġu fil-wiċċ. Dan huwa konformi mal-fatt li fl-2007 l-annullamenti qabżu bi tliet darbiet dawk tas-separazzjonijiet (2007 – 178 annullament komparat ma' 63 separazzjoni). Madankollu ma jfissirx li għal kull problema, koppja għandha titkisser.

Li koppja tibqa' flimkien fit-tul hija sfida u għalhekk il-koppja trid timpenja ruħha sabiex ma taħsibx fuq karriera u xogħol biss, iżda tinvesti fir-relazzjoni tal-koppja.

Barra minn hekk, illum jeżistu diversi servizzi fejn il-koppja tista' tmur għal għajnuna. Edukazzjoni favur relazzjonijiet b'saħħithom jgħinu sabiex il-koppja tinduna b'dan l-impenn u l-ħtiega ta' aktar bilanċ bejn il-mara u r-raġel sabiex titnaqqas kull forma ta' vjolenza domestika. Ir-riċerka turi li r-riżultat ta' nuqqas ta' qsim ta' responsabilità bejn ir-raġel u l-mara jwassal għal anqas tfal u anqas kuntentizza fir-relazzjoni.

Quddiem dawn ir-realtajiet jeħtieġ aktar impenn favur relazzjonijiet b'saħħithom bejn l-adolexxenti, il-koppja, il-ġenituri u t-tfal.

Jenħtieġ li ssir edukazzjoni preventiva li ssaħħaħ ir-relazzjonijiet, possibilment fl-età tal-adolexxenza. Irridu nisimgħu sew lill-adolexxenti u x'jixtiequ. Dr Abela taqbel li fl-iskejjel għandhom jagħtu taħriġ favur relazzjonijiet b'saħħithom.

Dan anki fid-dawl ta' riċerka lokali fejn l-adolexxenti urew ċar li jixtiequ jitgħallmu kif jibdew, iżommu jew jispiċċaw relazzjoni. Kulħadd jaf li xi adolexxenti u żgħażagħ ma jħossuhomx kunfidenti kif jibdew relazzjoni u jabbużaw mill-alkoħol sabiex jagħmlu l-ewwel pass. Filwaqt li ntqal li dan huwa ħażin u l-edukazzjoni favur relazzjonijiet b'saħħithom tista' tindirizza dan ukoll, l-awtoritajiet iridu jżommu f'moħħhom ukoll ir-rata għolja ta' ommijiet-xebbiet fl-iskejjel u kif minn hawn u ftit snin oħra 30% ta' tfal fl-iskejjel ser ikunu tfal li twieldu barra żwieġ.

L-adolexxenti jridu jkunu jafu kif jikkomunikaw mal-ġenituri u minn naħa l-oħra jsibu l-ġenituri disposti u b'ħin biżżejjed li jisimgħuhom. Għalhekk huwa importanti li kulħadd jagħmel il-parti tiegħu sabiex il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja jitjieb.

Dr Abela qalet li jinħass il-bżonn li l-ommijiet jingħataw iċ-ċans li jrabbu l-uliedhom, flimkien mal-missier. Riċerka lokali turi li 54% tal-ommijiet qed jirritornaw għax-xogħol 6 xhur biss wara li jkollhom it-tfal u dan huwa kambjament kbir fis-soċjetà tagħna. Miżuri family-friendly, fosthom aktar maternity/paternity leave kemm mill-Gvern u partikolarment mill-privat (tinħass disparità fuq family-friendly measures bejn il-Gvern u l-privat), huwa investiment fis-soċjetà ta' għada. Dr Abela qalet li aktar ma l-ġenituri jkollhom ħin ta' interazzjoni mat-tfal, speċjalment fl-ewwel xhur ta' ħajjithom, aktar dawn it-tfal ikollhom żvilupp b'saħħtu. In-nuqqas ta' ħin mill-ġenituri mat-tfal jista' jwassal għal konsegwenzi negattivi fl-iżvilupp tal-lingwa, u l-ħiliet soċjali u fiżiċi tat-tfal. Il-medja tal-maternity leave fil-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea huwa ta' 23 ġimgħa, filwaqt li f'Malta huwa ta' 13-il ġimgħa.

Ir-riċerka lokali tindika li l-koppji għadhom ma jafux x'jiġifieri ħajja miżżewġa u jidħlu għal impenn taż-żwieġ b'ideat differenti. Studji lokali urew diżappunt fl-ewwel tliet xhur taż-żwieġ, liema diżappunti jistgħu jiġu rimedjati permezz ta' edukazzjoni favur aktar bilanċ tar-responsabilitajiet bejn il-mara u r-raġel. Fuq skala nazzjonali, din l-edukazzjoni tgħin sabiex tnaqqas l-isfidi demografiċi, partikolarment ir-rata baxxa ta' twelid f'Malta (it-tieni l-anqas fl-Ewropa). Huwa xjentifikament magħruf li dawk il-koppji li jkollhom aktar qsim ta' responsabilitajiet, kemm fid-dar u kemm fit-trobbija tat-tfal, ikunu disposti li jkollhom aktar tfal. Minn naħa l-oħra, koppji żgħażagħ motivati li jattendu korsijiet ta' qabel iż-żwieġ, għandhom aktar ċans li jkunu mgħarrfa b'dawn ir-realtajiet u b'hekk iż-żwieġ tagħhom ikun aktar b'saħħtu. Fid-dawl ta' aktar koppji li qed jiżżewġu bl-Istat, il-korsijiet ta' qabel iż-żwieġ jistgħu jiġu offruti mill-Istat ukoll.

Edukazzjoni favur relazzjonijiet b'saħħithom għandha tkun parti minn politika nazzjonali tal-familja u li tinkludi l-istrateġija nazzjonali favur is-saħħa sesswali. Il-ġenituri għandhom jingħataw taħriġ għall-perikli li jistgħu jiltaqgħu magħhom l-adolexxenti fosthom l-internet, ir-rata għolja ta' xorb eċċessiv (binge drinking), l-abbuż u s-sesswalità. Edukazzjoni favur relazzjonijiet b'saħħithom jindirizzaw ukoll din il-ħtieġa għaliex il-ġenituri jkunu jafu ma' xiex jistgħu jiltaqgħu l-adolexxenti. Minn esperjenzi ta' Dr Abela fi skola tal-knisja, il-ġenituri jsaqsu għal għajnuna ta' dan it-tip fl-iskejjel (family therapy services). Il-ġenituri isaqsu kif jistgħu irabbu aħjar lit-tfal tagħhom jew problemi oħra li jkunu għaddejjin minnhom, bħas-separazzjoni u l-impatt fuq it-tfal.

F'Malta diġà teżisti l-infrastruttura neċessarja sabiex issir edukazzjoni preventiva kmieni bħal korsijiet ta' qabel it-tqala, Well Baby Clinics, il-Bereġ u ċ-Ċentri tas-Saħħa. professjonali fiċ-ċentri tal-Istat. Il-kuntatt personali mal-ġenituri u t-tfal f'dawn il-programmi huwa ta' benefiċċju għaliex jgħinu lill-ommijiet fit-trobbija aħjar tat-tarbija, pariri għal saħħithom u dik tat-tarbija. Importanza trid tingħata wkoll għall-formazzjoni tal-koppja u edukazzjoni għat-tisħiħ tar-relazzjoni permezz tal-valuri u l-importanza tar-rispett, il-fedeltà, il-komunikazzjoni u l-commitment bejn il-koppji. Is-servizzi jridu jgħinu b'mod prattiku sabiex jitnaqqas ir-riskji ta' faqar relattiv, bħal użu u mmaniġjar tal-flus. Għandu jsir sforz sabiex l-omm u dawk ta' madwarha, inaqqsu x'imġieba ħażina li jista' jkollha effett fuq it-tarbija. Minn studji li saru ma' ommijiet li jattendu l-korsijiet ta' qabel it-tqala, l-ommijiet għamlu madwar 300 suġġeriment. Dawn is-suġġetti jvarjaw minn tagħlim kmieni fl-iskejjel tas-sekondarja sa tagħlim lin-nanniet li jistgħu f'xi ħin irabbu t-tfal tat-tfal (għalkemm xorta waħda n-nanniet ma għandhomx ikunu huma li jrabbu t-tfal tat-tfal). Suġġerimenti oħra jinkludu esperjenzi ta' min diġà rabba lit-tfal tiegħu u aktar sapport professjonali fiċ-ċentri tal-Istat.

Il-ġenituri għandhom ikunu ġenituri tal-komunità u allura kif omm u missier responsabbli ma jħallux lil uliedhom jagħmlu l-ħażin, hekk ukoll kulħadd irid jaħdem favur soċjetà ħielsa mill-ħażen u l-abbuż, speċjalment mat-tfal. Hawnhekk issemma' l-eżempju ta' kif ħwienet tax-xorb ibigħu xorb lil min huwa taħt l-età. Il-Membri tal-Kumitat saħqu għal regolamentazzjoni iktar ħarxa, u sorveljanza u monitoraġġ fi ħwienet li jinsabu ħdejn skejjel post-sekondarji.

**Meħuda mill-Istqarriji għall-Istampa tad-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (DOI) – 24.02.2009 u 25.02.2009**